



Brussell, 26 ta' Novembru 2018
(OR. en, de)

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0382(COD)

14286/18
ADD 1

CODEC 2007
ENER 382
CLIMA 219
CONSOM 319
TRANS 548
AGRI 556
IND 347
ENV 764

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv - Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tinnota li ż-żewġ Koleġislaturi qablu dwar Artikolu 4 b'kontent li jmur lil hinn mill-prinċipji ġenerali tal-proposta tal-Kummissjoni COM(2016) 767 final. Filwaqt li tappoġġa bis-siġħ l-għanijiet tad-Direttiva, il-Kummissjoni jidhrilha li dawn jistgħu jintlaħqu mingħajr il-kelmiet maqbula tal-paragrafi 3 (it-tielet subparagrafu), 4 (it-tieni u t-tielet subparagrafi), 5 u 6 tal-Artikolu 4, kif uriet id-Direttiva 2009/28/KE applikabbli bħalissa.

Dikjarazzjoni mill-Belġju

L-astensjoni ma żżommx il-Belġju milli jkun promotur qawwi favur politika sostenibbli tal-enerġija u tal-klima kif stipulat fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ottubru 2014 u li jinsabu fil-Ftehim ta' Pariġi.

L-għan ambizzjuż stabbilit fil-proposta ppreżentata, huwa madankollu sfida reali għall-Belġju biex jinkiseb b'mod kosteffiċjenti.

Minkejja din l-isfida, il-Belġju ser ikompli jipprovdi kontributi kostruttivi sabiex jintlaħaq l-għan stabbilit.

Dikjarazzjoni mill-Ġermanja

Il-Ġermanja tixtieq tikkummenta kif ġej dwar l-Artikolu 2(14) u (15), l-Artikolu 21 u l-premessi 66 sa 69 fil-verżjoni stabbilita fil-kompromess finali attwali (PE-CONS 48/18):

Il-Gvern Federali jaqbel li t-test ta' kompromess finali (PE-CONS 48/18) tal-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (riformulazzjoni) bil-fehim li l-eżenzjoni mit-tariffi u l-imposti previsti fil-punt (a)(ii) tal-Artikolu 21(2) japplikaw biss fil-prinċipju għall-awtokonsum individwali, sakemm l-Istati Membri ma jipprevedux xort'oħra; u li l-premessa 69 hija maħsuba biex tagħmilha ċara li l-punt (a) tal-Artikolu 21(3) ikopri kemm il-possibbiltà li jiġu imposti miżati kif ukoll ħlasijiet jekk l-appoġġ jingħata simultanjament permezz ta' skema ta' appoġġ u l-possibbiltà li jiġu applikati eżenzjonijiet parzjali biss, dment li r-risultat huwa l-istess: il-vijabbiltà ekonomika ta' dawn il-proġetti hija żgurata.

Dikjarazzjoni mir-Repubblika Ċeka

Il-vot kontra l-kompromess finali dwar id-Direttiva ma jfissirx li r-Repubblika Ċeka ser tieqaf tippromwovi l-politika tal-enerġija sostenibbli u l-protezzjoni tal-klima kif stipulat fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ottubru 2014 u kif maqbul fil-Ftehim ta' Pariġi. Ir-Repubblika Ċeka għandha l-għan li tissokta bl-iżvilupp u l-promozzjoni ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli biex tiżgura r-rwol dejjem akbar tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli fit-taħlita tal-enerġija.

Ir-Repubblika Ċeka ser tikkontribwixxi b'mod kostruttiv għall-kisba tal-mira globali tal-UE kif ukoll il-miri settorjali individwali. Dawn il-kontributi ser jingħataw b'mod kosteffiċjenti, filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet ġeografiċi u klimatiċi kif ukoll il-possibbiltajiet ekonomiċi tar-Repubblika Ċeka. F'dan il-kuntest, huwa meħtieġ li jittieħed kont tal-fondi li diġà ntefqu biex jappoġġaw sorsi tal-enerġija rinnovabbli

Ir-Repubblika Ċeka taġixxi b'mod ferm responsabbli u konsistenti fl-ilħuq tal-mira għall-enerġija minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli (SER) sal-2020. Propriu l-istess approċċ ser ikun segwit fil-perijodu mill-2021 sal-2030. Dan huwa muri mill-fatt li l-mira vinkolanti għas-SER għas-sena 2020 meħtieġa mil-leġislazzjoni Ewropea ntlaħqet mir-Repubblika Ċeka 7 snin qabel.

Dikjarazzjoni mill-Kroazja

Ir-Repubblika tal-Kroazja ser tappoġġa l-adozzjoni iżda tesprimi t-tħassib tagħha dwar il-livell ta' mill-inqas 14 % tal-użu tal-enerġija rinnovabbli fis-settur tat-trasport sal-2030, kif diġà ddikjarat f'diskussjonijiet fi ħdan il-Kunsill.

Minkejja li hemm bżonn li jintlaħqu l-għanijiet ta' dekarbonizzazzjoni u li jitnaqqas b'mod sinifikanti l-konsum tal-enerġija sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni tal-Enerġija, jiddispijacija li l-livell ta' ambizzjoni msemmi hawn fuq ġie definit mingħajr ma tqiesu l-istat tal-ekonomija u l-livelli differenti ta' żvilupp teknoloġiku fl-Istati Membri.